KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 20** **It- Tlieta 7 t' Ottubru 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:07pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier (daħal għal-laqgħa fis-18:19pm)
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-18:53pm)
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier
Chantelle Portelli - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier (daħal għal-laqgħa fis-18:12pm)
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Keith Cassar – Viċi Sindku

**ASSENTI:**
Nil.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Daniel Galea – Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li rċieva ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsillieri Bonnici u Cassar. L-ittri ta' apoloġija ġew approvati mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

Fis-18:10, kien hemm qbil unanimu sabiex issir sospensjoni tal-laqgħa biex jiġi diskuss il-punt 20.5.2 – Reviżjoni tal-Baġit mal-Accountant tal-Kunsill.

**20.5.2 Reviżjoni tal- Baġit**

L-Accountant tal-Kunsill spjega l-bidliet li seħħew fl-allokazzjoni tal-fondi mid-Dipartiment, fejn l-allokazzjoni inizjali ta' madwar €1.6 miljun naqqset għal madwar €1.3 miljun bit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-

Waste u tipping fees. Huwa kjarifika li, minkejja dan it-tnaqqis, il-Kunsill se jifdal bi ftit aktar fondi disponibbli, li ser jintużaw biex jitnaqqsu d-djun eżistenti.

L-Accountant stima li l-Kunsill mhux ser iżid djun fuq il-vot rekurrenti, u li d-dejn eżistenti għadu preżenti, iżda żdied marġinalment minħabba xi spejjeż relatati ma' proġetti kapitali. Is-savings li saru intużaw biex ikopru xogħlijiet li diġà ġew esegwiti.

Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' din ir-reviżjoni tal-baġit u approvaw il-baġit kif ippreżentat.

**20.2 Kunsiderazzjoni tal- Minuti nru 19**

**20.2.1 Korrezzjonijiet mill- Minuti nru 19**

Il-Minuti numru 19 kienu approvati mingħajr ebda korrezzjonijiet mill- membri preżenti nem. con.

**20.2.2 Aġġornamenti mill- Minuti nru 19**

**19.3.4 SPI/SCI/02/2024 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussvi**

Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ikkonkludiet il-proċess ta' finalizzazzjoni tal-klejms relatati mal-iskema msemmija fis-suġġett. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jirċievi madwar **€2,800** sabiex din l-iskema tkun kompletament konkluża.

**19.5.2 Qargħasel**

Is-Sindku rringrazzja lil- Kunsilliera Bayliss tal- organiżazzjoni tal-attivita li kienet ta' suċċess kbir u ġiet apprezzata ħafna min kulmin attenda.

**19.5.1 Onoreficenza Ġieħ il- Mosta**

Is-Sindku esprima r-ringrazzjament tiegħu lill-Viċi Sindku għall-organizzazzjoni tal-attività, li kienet ta' suċċess kbir u li matulha l-komunità Mostija ltaqgħet f'atmosfera pożittiva, f'serata tassew xierqa għall-Mostin.

Huwa semma wkoll li l-Viċi Sindku qed jorganizza l-attività "Qalbiena Mostin"**,** li ser issir fid-23 ta' Novembru fis-9:00 a.m.

**20.3 Komunikazzjoni/ Korrispondenza mis-Sindku**

**20.3.1 John Mary Camilleri – Ġieħ il-Mosta**

Is-Sindku qara ittra ta' ringrazzjament li waslet mingħand Sur John Mary Camilleri, indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv, lis-Sindku u lill-membri tal-Kunsill Lokali ta' Mosta, bħala espressjoni ta' gratitudni tiegħu għall-għotja tal-onorifiċenza "Ġieħ il-Mosta". Fl-ittra tiegħu, s-Sur Camilleri wera l-apprezzament tiegħu għall-mod kif ġiet organizzata l-attività u għall-unur li ngħata mill-Kunsill.

**20.3.2 Svetlik Flores – Proġetti tal-Għaqdiet LESA 2024 – 2026**

Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-LESA, li fiha ġiet ikkomunikata s-somma ta' €86,000 f'fondi allokati għall-għaqdiet fil-lokalità ta' Mosta.

Il-Minority Leader issuġġerixxa li titwaqqaf laqgħa bejn il-Kunsill, il-VOs u l-NGOs Mostin sabiex jiġu diskussi l-prijoritajiet u l-proposti dwar l-użu ta' dawn il-fondi b'mod koordinat u trasparenti.

Is-Sindku u l-Kunsillieri preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

**20.3.3 Ftehim –Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2025**

Is-Sindku qara l-kuntratt ta' valur ta' €13,302.50, li permezz tiegħu ser jitwettqu diversi attivitajiet marbuta mal-perjodu tal-Milied**,** fosthom Christmas Village, kif ukoll parties għat-tfal u għall-anzjani**.** Dawn l-attivitajiet huma maħsuba biex iġibu l-ispirtu tal-festi fil-komunità Mostija u jsaħħu l-għaqda soċjali fil-lokalità. Il- Minority Leader talab baġit għal- party tat- tfal għal- Milied bħas- sena ta' qabel. Il-Kunsill approva baġit ta' €500 għal din l -attivita unanimament.

**20.3.4 Aġġornamenti Pjazza Torri**

Is-Sindku semma li, fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' Pjazza Torri, ser issir attività mużikali li tinkludi kunċert mill-Banda tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija b' baġit ta' madwar €2000. Huwa informa wkoll illi l-installazjoni tad-dawl ser jiġi indirizzata mill-Public Works Department, li se jkunu qed jieħdu ħsieb l-installazzjoni u t-tiswija tad-dawl fil-pjazza.

Barra minn hekk, is-Sindku spjega li s-shelter ser jitnaddaf qabel l-attività, u li għall-okkażjoni huma mistennija jattendu wkoll il-Ministri kif ukoll mistednin distinti (VIPs).

**20.4 Tweġibiet għall- mistoqsijiet tal- Kunsillieri**

**20.4.1 Kunsillier Grech – Siġar li mietu**

Chris ppreżenta lista ta' siġar mejta u għamel talba biex dawn jiġu sostitwiti. Huwa spjega li s-siġar li mietu jinsabu f'dawn il-lokazzjonijiet:

- Tul il-perimetru ta' Metrocideras fi Triq il-Fenċi
- Żewġ siġar tal-Judas fil-Old Motors Club, u siġra waħda fil-viċinanzi tal-ground tal-football (5-a-side)
- Cipressa fi Triq Durumblat
- Balluta fi Triq il-Mitħna

Il-Kunsill ħa nota tat-talba u ser jikkunsidra l-proċedura meħtieġa biex isir is-sostituzzjoni tas-siġar indikati.

**20.4.2 Kunsillier Grech – Mistoqsija rigward ir- reviżjoni Triq il- Kbira u Triq Sant Anna u Żebra crossing ta' ħdejn il- Pet shop Triq il- Bażilika**

Il-Kunsillier Grech staqsa dwar ir-reviżjoni tat-traffiku fi Triq il-Kbira u Triq Sant'Anna, kif ukoll dwar iż-żebra crossing ħdejn il-Pet Shop fi Triq il-Bażilika.

Is-Sindku spjega li, għalkemm kien hemm qbil preliminari fuq il-post waqt il-laqgħa inizjali, wara l-laqgħa nħolqu ċerti problemi li wasslu biex ma sar l-ebda progress s'issa, peress li ma ntlaħaqx qbil finali bejn il-partijiet involuti.

**20.4.3 Kunsillier Grech – Statwa Santa Marija fuq ir- roundabout tal-Jupiter**

Il-Kunsillier Grech semma aġġornament relatat mal-istatwa ta' Santa Marija, kif kien maħsub u approvat fil-Laqgħa Numru 71.

Hu spjega li l-proġett kien miftiehem li jitwettaq mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, u li l-proċess amministrattiv qiegħed għaddej. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li, skont ir-regolamenti tal-proċeduri tal-prokura, dan ix-xogħol jista' jitwettaq biss permezz ta' sejħa għal espressjoni ta' interess artistiku jew ftehim nnegozjat mad-Dipartiment tal-Kuntratti (DOC).

Għaldaqstant, huwa enfasizza l-ħtieġa li tinkiseb l-approvazzjoni uffiċjali mingħand id-DOC qabel ma jitkompla l-proċess. Barra minn hekk, is-Segretarju Eżekuttiv talab kopja tal-korrispondenza kollha u kwalunkwe ftehim eżistenti bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta dwar dan is-suġġett, billi ġie mfakkar li kienet saret korrispondenza preċedenti relatata ma' dan il-proġett.

**20.4.4 Kunsillier Grech – Laqgħa mad-Dipartiment**

Il-Kunsillier Grech talab aġġornament dwar il-laqgħa relatata mal-finanzi tal-Kunsill mal-Dipartiment, li kienet prevista li ssir mas-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku stqarr li kien ilu jipproponi din it-talba għal laqgħa mal-Ministru u s-Segretarju Parlamentari, iżda din qatt ma ġiet milqgħa. Għaldaqstant, saret laqgħa bejn id-Direttur Ġenerali, Emil Vassallo, l-Assistent Direttur Kurt Scerri u d-Direttur tal-Finanzi Claire Bugeja.

Matul il-laqgħa ġew preżentati n-numri u l-figuri tal-ħidma tal-Kunsill f'din il-leġiżlatura, li juru li l-Kunsill qed jaħdem b'mod għaqli u responsabbli. Id-Dipartiment spjega li l-cash injection li kien talab il-Kunsill f'laqgħat preċedenti ma kienx possibbli.

Id-Dipartiment ser jkompli d-diskussjonijiet interni u mal-persuni kkonċernati sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx xi soluzzjonijiet sostenibbli għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**20.5 Rapporti**

20.5.2 Rapport tal-Arborista

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-arborista lill-membri tal-Kunsill għall-eżami tagħhom.

Il-Kunsillier Grech osserva li fil-proċess għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn dak li jinsab taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kunsill, dak li hu ta' proprjetà tal-Kunsill iżda taħt il-ġestjoni tal-Gvern, kif ukoll il-proġetti li għadhom ma tlestewx iżda li, ladarba jitlestew, ser jiġu trasferiti taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

Huwa sostna li r-rapport jidher dettaljat ħafna u ta' kwalità tajba, u li ser ikun għodda utli għall-preparazzjoni xierqa tad-dokument tat-tender relatat. Il- pass li jmiss huwa li ssir laqgħa bejn l-arborista, il- konsulent tat- tenders, u t- tenders board biex ikun ppreparat id- dokument tat- tender tal-ġardinaġġ.

**20.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**20.6.1 Skeda tal- Pagamenti**

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 166 kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**20.6.2 Purchase Orders**

Il-lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**20.6.3 Works Orders**

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**20.6.4 Petty Cash**

Il-lista tal-Petty Cash ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con

**20.7 Tmiem il-laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fit-20:45. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 21 tal-Kunsill Lokali ssir nhar it-Tnejn, 10 ta' Novembru 2025, fis-18:00, u li l-Laqgħa Numru 22 ssir nhar it- Tlieta fid-9 ta' Diċembru fl-uffiċini tal-Kunsill. Filwaqt li l-laqgħa pubblika tkun skedata għal-10 ta' Diċembru fis-18:00.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |